



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



10142/1/13 REV 1

(OR. en)

PRESSE 217
PR CO 28

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3242 laqgħa tal-Kunsill

Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)

Brussell, 29 u 30 ta' Mejju 2013

Presidenti

Richard Bruton

Ministru tal-Impjiegi, l-Impriżi u l-Innovazzjoni tal-Irlanda

Seán Sherlock

Ministru responsabbli għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Irlanda

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/press>

10142/1/13 REV 1

1
MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill iffukat fuq firxa ta' miżuri li għandhom l-għan jappoġġaw u jħaffu l-irkupru ekonomiku, biex b'hekk jingħataw spinta t-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

*L-ewwelnett, il-Kunsill laħaq qbil politiku fuq żewġ regolamenti li jmexxu 'l quddiem **ir-riformi tar-regoli tal-għajnuna mill-istat.***

*B'segiwtu għall-isforzi biex jittaffew il-piżijiet regolatorji fuq il-kumpanniji tal-UE sabiex isiru aktar kompetittivi, il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar **ir-regolamentazzjoni intelliġenti.***

*Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar diversi aspetti tal-**liġijiet tad-drittijiet tal-awtur fl-UE**, inkluż dwar sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-imposti fuq l-ikkuppjar privat u r-reprografija.*

*Il-Ministri pprovdew ukoll gwida politika biex isir progress fir-**riforma tas-suq tal-verifiki**, li għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità u l-indipendenza tal-verifiki, iżżid it-trasparenza u ssaħħaħ il-fiduċja tal-investituri kif ukoll li titnaqqas il-konċentrazzjoni fuq is-suq attwali.*

*Barra minn hekk, il-Kunsill ħa kont tal-istat attwali rigward l-azzjonijiet tal-**Att dwar is-Suq Uniku**, li jinsabu f'żewġ pakketti ta' miżuri ta' prijorità mmirati biex iżidu l-fiduċja u jstimulaw it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.*

*Il-Ministri indirizzaw ukoll id-diffikultajiet attwali li qed jaffaċċjaw diversi **setturi industrijali fl-Ewropa** bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika. Huma ġew infurmati mill-Kummissjoni dwar is-segwitu ta' inizjattivi mwettqa b'appoġġ għal dawk is-setturi.*

*Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-**politika industrijali spazjali.***

*Il-Kunsill ħa nota tal-progress li sar fin-negozjati li għaddejjin dwar il-programm pluriennali għar-riċerka "**Orizzont 2020**", wara rapport tal-Presidenza dwar kwistjonijiet politiċi ewlenin bil-għan li jwitti t-triq għal ftehim bikri dwar il-programm mal-Parlament Ewropew.*

*Barra minn hekk, huwa approva strateġija ġdida tal-UE biex titjieb il-**kooperazzjoni internazzjonali** fil-qasam tar-riċerka u approva konklużjonijiet dwar **informatika** ta' prestazzjoni għolja. Huwa aġġorna wkoll il-mandat tal-**Kumitat taż-Żona Ewropea għar-Riċerka.***

*Fl-aħħar, il-Ministri ddiskutew l-**attivitajiet tal-programmazzjoni konġunta** li twettqu fil-qasam tar-riċerka.*

WERREJ¹**PARTEĊIPANTI 5****PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

Immodernizzar tal-liġijiet tad-drittijiet tal-awtur	8
Riforma tal-awditjar	10
Att dwar is-Suq Uniku	13
Regolamentazzjoni Intelliġenti	14
Modernizzazzjoni tar-regoli dwar l-ġhajna mill-Istat	15
Monitoraġġ tal-politika industrijali	16
Orizzont 2020: il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni (2014-2020)	19
Kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni	21
Programmazzjoni konġunta ta' proġetti ta' riċerka	22
AFFARIJET OĦRA	26
It-Teknoloġiji u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija	26
Immaniġġar tal-Politika tal-Innovazzjoni - rakkomandazzjonijiet ta' Grupp ta' Livell Għoli	26
Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Litwana li ġejja	27

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*AFFARIJET BARRANIN*

– Bjelorusija - miżuri restrittivi	28
– Presidenza tal-kummissjoni għall-bini tal-paċi tan-NU	28

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew risoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJJIET INTERNI

- Migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II 28

KOMPETITTIVITÀ

- Valutazzjoni tal-impatt fi ħdan il-Kunsill..... 29

ENERĠIJA

- Rekwiżiti għall-ekodisinn - ħiters tal-post u tal-ilma 29

AMBJENT

- Il-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ożonu - direttivi ta' negozjar 30

IMPJIEGI

- Linji Gwida tal-UE għal-laqgħa tal-Impjiegi tal-G20 u tal-Ministri tax-Xogħol 30

SAJD

- Ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Côte d'Ivoire - Tiġdid tal-protokoll 30

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

- Miżuri ta' antidumping - biċikletti - elettrodi tungstenu - iċ-Ċina u pajjiżi oħra 31

TRASPARENZA

- Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti 31

ĦATRIET

- Kumitat tar-Reġjuni..... 32

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur Johan VANDE LANOTTE

Is-Sinjura Céline FREMAULT

Is-Sur Philippe COURARD

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ekonomija, il-Konsumaturi u l-Baħar tat-Tramuntana
Ministru responsabbli għall-Impjiegi, l-Affarijiet Ekonomiki, il-Kummerċ Barrani u r-Riċerka Xjentifika
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Soċjali, il-Familji, il-Persuni b'Diżabbiltà u l-Politika Xjentifika
b'responsabbiltà għall-Perikli fuq il-Post tax-Xogħol, anness mal-Ministru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa Pubblika

Bulgarija:

Is-Sinjura Petia VASSILEVA

Viċi Rappreżentant Permanenti

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Petr FIALA

Is-Sur Milan HOVORKA

Is-Sur Jakub DÜRR

Ministru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isports
Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ
Viċi Rappreżentant Permanenti

Danimarka:

Is-Sinjura Annette VILHELMSSEN

Is-Sur Morten ØSTERGAARD

Is-Sur Jonas BERING LIISBERG

Ministru tal-Affarijiet tan-Negozju u t-Tkabbir
Ministru tax-Xjenza, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni
Għolja
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ġermanja:

Is-Sur Philipp RÖSLER

Is-Sur Georg SCHÜTTE

Is-Sur Stefan KAPFERER

Ministru Federali tal-Affarijiet Ekonomiki u t-Teknoloġija u Viċi Kanċillier
Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka
Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Ekonomija u t-Teknoloġija

Estonja:

Is-Sur Juhan PARTS

Is-Sur Jaak AAVIKSOO

Ministru tal-Affarijiet Ekonomiki u l-Komunikazzjoni
Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Irlanda:

Is-Sur Richard BRUTON

Is-Sur Seán SHERLOCK

Is-Sur John PERRY

Ministru għall-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni
Ministru tal-Istat responsabbli għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Dipartimenti tal-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni u l-Ħiliet)
Ministru tal-Istat b'responsabbiltà għan-Negozji iż-Żgħar (Dipartiment tal-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni)

Greċja:

Is-Sur Panagiotis MITARACHI

Is-Sur Vasilis MAGLARIS

Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp, il-Kompetittività, l-Infrastruttura, it-Trasport u n-Netwerks
Segretarju Ġenerali għar-Riċerka u t-Teknoloġija

Spanja:

Is-Sur José Manuel SORIA

Is-Sinjura Carmen VELA OLMO

Is-Sur Luis VALERO

Ministru tal-Industrija, l-Enerġija u t-Turiżmu
Segretarju tal-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni
Segretarju Ġenerali għall-Industrija u l-Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju

Franza:

Is-Sur Arnaud MONTEBOURG

Is-Sinjura Geneviève FIORASO

Is-Sur Thierry REPENTIN

Is-Sur Alexis DUTERTRE

Ministru għar-Rivitalizzazzjoni Ekonomika
Ministru tal-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka
Ministru responsabbli għall-Affarijiet Ewropej
Viċi Rappreżentant Permanenti

Italja:

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI

Is-Sur Flavio ZANONATO

Is-Sinjura Maria Chiara CARROZZA

Ministru responsabbli għall-Affarijiet Ewropej
Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku
Ministru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka

Ċipru:

Is-Sinjura Maria HADJITHEODOSIOU

Viċi Rappreżentant Permanenti

Latvia:

Is-Sur Vjačeslavs DOMBROVSKIS

Is-Sur Juris PŪCE

Is-Sur Juris ŠTĀLMEISTARS

Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija
Viċi Rappreżentant Permanenti

Litwanja:

Is-Sinjura Birute VĒSAITĒ,

Is-Sur Dainius PAVALKIS

Is-Sur Šarūnas BIRUTIS

Ministru tal-Ekonomija
Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza
Ministru tal-Kultura

Lussemburgu:

Is-Sur Etienne SCHNEIDER

Is-Sinjura Martine HANSEN

Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Kummerċ Estern
Ministru tal-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka

Ungerija:

Is-Sur Zoltán CSEFALVAY

Is-Sinjura Katalin KISZELY

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija Nazzjonali
Segretarju tal-Istat Parlamentari, Ministeru tal-
Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja

Malta:

Is-Sur Christian CARDONA

Is-Sur Stefan BUONTEMPO

Is-Sur Patrick MIFSUD

Ministru tal-Ekonomija, l-Investment u n-Negozji ż-
Żgħar
Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-
Żgħażaġħ u l-Ispert fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-
Impjiegi
Viċi Rappreżentant Permanenti

Il-Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Sander DEKKER

Is-Sur Wepke KINGMA

Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni, il-Kultura u x-
Xjenza
Viċi Rappreżentant Permanenti

Awstrija:

Is-Sur Karlheinz TÖCHTERLE

Is-Sur Harald GÜNTHER

Ministru Federali tax-Xjenza u r-Riċerka
Viċi Rappreżentant Permanenti

Polonja:

Is-Sur Jerzy Witold PIETREWIC

Is-Sur Jacek GULIŃSKI

Is-Sur Andrzej DYCHA

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tax-Xjenza u l-
Edukazzjoni Għolja
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija

Portugall:

Is-Sur Nuno CRATO

Is-Sur Franquelim ALVES

Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza
Segretarju tal-Istat għall-Intraprenditorjat, il-
Kompetittività u l-Innovazzjoni

Rumanija:

Is-Sur Varujan VOSGANIAN

Is-Sur Mihnea COSTOIU

Is-Sur Tudor PRISECARU

Ministru tal-Ekonomija
Ministru Delegat tal-Edukazzjoni Għolja, ir-Riċerka
Xjentifika u l-Iżvilupp Teknoloġiku
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali

Slovenja:

Is-Sinjura Renata ZATLER

Is-Sur Uroš ROŽIČ

Is-Sur Uroš VAJGL

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Intern
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku u t-
Teknoloġija
Viċi Rappreżentant Permanenti

Slovakkja:

Is-Sur Alexander MICOVČIN

Viċi Rappreżentant Permanenti

Finlandja:

Is-Sur Lauri IHALAINEN

Is-Sinjura Marja RISLAKKI

Ministru tax-Xogħol
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Impjiegi u l-Ekonomija

Svezja:

Is-Sur Jan BJÖRKLUND

Is-Sinjura Annie LÖÖF

Is-Sur Gunnar OOM

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Edukazzjoni
Ministru tal-Intrapriżi
Segretarju tal-Istat għall-Ministru tal-Kummerċ

Renju Unit:

Is-Sur Stephen GREEN

Ministru tal-Istat għall-Kummerċ u l-Investment
(konġuntament mal-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin u tal-
Commonwealth)

Is-Sinjura Shan MORGAN

Viċi Rappreżentant Permanenti

Kummissjoni:

Is-Sur Joaquín ALMUNIA

Viċi-President

Is-Sinjura Neelie KROES

Viċi-President

Is-Sur Antonio TAJANI

Viċi-President

Is-Sur Michel BARNIER

Membru

Is-Sinjura Androulla VASSILIOU

Membru

Is-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN

Membru

Is-Sinjura Connie HEDEGAARD

Membru

Is-Sur Tonio BORG

Membru

Il-Gvern tal-Istat Aderenti kien rappreżentat kif ġej:

KROAZJA

Is-Sinjura Irena ANDRASSY

Viċi Rappreżentant Permanenti

PUNTI DISKUSSI

Immodernizzar tal-liġijiet tad-drittijiet tal-awtur

Il-Kunsill kellu dibattitu pubbliku dwar difersi aspetti tal-istrateġija tal-UE biex jiġu mmodernizzati l-liġijiet tad-drittijiet tal-awtur ([10667/11](#)). B'mod partikolari, id-dibattitu ffoka fuq tliet elementi ewlenin tal-istrateġija: il-qafas tad-drittijiet tal-awtur fis-suq uniku diġitali, il-politiki nazzjonali differenti dwar imposti fuq l-ikkuppjar privat, u l-immaniġġar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u liċenzjar multiterritorjali tal-mużika online.

- Il-qafas tad-drittijiet tal-awtur fis-suq uniku diġitali

Il-Ministri vvalutaw il-progress li sar dwar il-passi biex jiġi stabbilit qafas modern tad-drittijiet tal-awtur għall-kontenut tas-suq uniku diġitali li tressqu mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha ta' Diċembru 2012. ([17983/12](#)). Ir-rieżami tal-ambjent tad-drittijiet tal-awtur fl-Ewropa jitqies essenzjali sabiex jinkiseb suq uniku diġitali li jiffunzjona tajjeb. Huwa jinvolvi l-faċilitazzjoni tal-mudelli diġitali tan-negozju, li jipprovdu kreaturi u produtturi bi protezzjoni adegwata u jiżguraw ċertezza legali għal utenti kummerċjali u konsumaturi online.

- Imposti fuq ikkuppjar privat

Wara preżentazzjoni minn António Vitorino, ex Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, dwar rapport dwar l-imposti fuq l-ikkuppjar privat u r-reprografija¹, il-Ministri elaboraw tliet aspetti relatati ma': l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-ikkuppjar privat u r-reprografija fi Stati Membri individwali; id-definizzjoni tal-eċċezzjoni tal-ikkuppjar privat u miżuri possibbli mmirati biex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq intern f'dan il-qasam ([9253/13](#)).

Ir-rapport jirrakkomanda żewġ linji ta' azzjoni: l-ewwel waħda biex titrawwem aktar reżiljenza fuq liċenzji u arranġamenti kuntrattwali bħala l-aħjar mod kif jiġi żgurat li d-detenturi t-tajbin huma remunerati b'mod adegwat għall-isforzi kreattivi u l-investimenti tagħhom. It-tieni waħda hija biex jiġu kkunsidrati miżuri li għandhom l-għan li jirrikonċiljaw sistemi ta' imposti differenti fis-suq uniku.

Il-Kummissjoni indikat li l-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet ser jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet li għaddejjin biex jitjiebu s-sistemi ta' imposti fuq l-ikkuppjar privat fl-Ewropa u jiġu adattati għall-era diġitali.

¹ http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/docs/levy_reform/130131_levies-vitorino-recommendations_en.pdf.

- Abbozz ta' Direttiva dwar l-immaniġġar kollettiv tad-dritt tal-awtur u liċenzjar multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għal użu online

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif ukoll ta' aġġornament orali mill-Presidenza ([9281/13](#)).

Dan l-abbozz ta' Direttiva, bħalissa, qed jiġi eżaminat minn esperti nazzjonali fil-Kunsill.

Hija ssegwi żewġ objettivi kumplimentari: l-ewwel, hija għandha l-għan li tistabbilixxi qafas legali adegwat għall-immaniġġar kollettiv tad-drittijiet tal-awturi billi tipprevedi regoli biex jiġu żgurati governanza mtejba u aktar trasparenza tas-soċjetajiet ta' ġbir; it-tieni hija għandha l-għan li tiffaċilita l-liċenzjar multiterritorjali u multirepurtorjali minn soċjetajiet ta' ġbir tad-drittijiet tal-awturi fix-xogħlijiet mużikali tagħhom għal użu online fis-suq intern.

Riforma tal-awditjar

Wara l-preżentazzjoni tal-Presidenza Irlandiża ta' rapport ta' progress, il-ministri esprimew fehmiet dwar kwistjonijiet pendenti tar-riforma li għaddejja li għandha l-għan li ttejjeb ir-regoli tal-verifika fl-UE. L-eżitu tad-dibattitu jagħti gwida politika biex titmexxa 'l quddiem ir-riforma.

Ir-riforma qed titwettaq abbażi ta' żewġ proposti tal-Kummissjoni li jkopru minn naħa l-waħda revizzjoni tad-Direttiva tal-Awditjar (it-Tmien Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji) ([16971/11](#)) u min-naħa l-oħra rekwiżiti speċifiċi rigward l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku ([16972/11](#)).

Il-kriżi finanzjarja enfasizzat dgħufijiet fl-awditjar statutorju b'mod speċjali fir-rigward tal-entitajiet ta' interess pubbliku, entitajiet li huma ta' interess pubbliku sinifikanti minħabba n-negozju tagħhom, id-daqs tagħhom, in-numru ta' impjegati tagħhom jew l-istatus korporattiv tagħhom.

Ir-riforma għandha l-għan ittejjeb il-kwalità u l-indipendenza tal-verifiki, biex tiżdied it-trasparenza u tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri. Hija għandha wkoll l-għan li tnaqqas il-konċentrazzjoni fuq is-suq attwali u n-nuqqas ta' għażla fis-suq tal-awditjar.

Waqf id-deliberazzjoni pubblika, il-Presidenza insistiet li tesprimi l-fehmiet tagħhom dwar il-kompromessi tal-Presidenza fir-rigward tal-kwistjonijiet finanzjarji:

1. Rotazzjoni obligatorja tal-awdituri u tad-ditti tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku

Fl-abbozz ta' regolament, il-Kummissjoni pproponiet dispożizzjonijiet li jeħtieġu rotazzjoni obligatorja tal-awdituri u d-ditti tal-awditjar wara perijodu massimu ta' 6 snin li jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiġi estiż għal tmien snin. Hija pproponiet ukoll li fejn entità ta' interess pubbliku tkun ħatret żewġ awdituri jew żewġ ditti tal-awditjar statutorji jew aktar (awditu konġunt), id-durata massima tal-ħatriet għandha tkun ta' disa' snin u li fuq bażi eċċezzjonali, tali durata tista' tiġi estiża għal 12-il sena.

Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kwalità tal-verifiki, inklużi l-indipendenza u l-oġġettività tal-awdituri ta' entitajiet ta' interess pubbliku b'mod partikolari, il-Presidenza, bħala kompromess, issuġġeriet li jiġi stabbilit perijodu massimu ta' ħatra ta' seba' snin (tmien snin għal awditi konġunti), li jista' jiġġedded, sakemm jintlaħqu ċerti kriterji, għal massimu ta' seba' snin oħra (tmien snin għal awditi konġunti). Barra minn hekk, il-kompromess tal-Presidenza jipprevedi li, fuq bażi eċċezzjonali, l-Entità ta' Interess Pubbliku tista' titlob lill-awtorità kompetenti biex tagħti estensjoni oħra biex terġa' taħtar l-awditur jew id-ditta tal-awditjar statutorja għal massimu ta' sentejn oħra (tliet snin għal awditi konġunti).

Il-maġġoranza tal-Ministri setgħu jappoġġaw il-prinċipju ġenerali ta' rotazzjoni obbligatorja soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.

2. *Restrizzjoni dwar l-ġhoti ta' servizzi relatati ta' awditjar finanzjarju u l-projbizzjoni ta' servizzi mhux tal-awditjar*

Sabiex tiġi indirizzata l-hteġa li tissaħħaħ l-indipendenza, il-Kummissjoni pproponiet li tillimita s-servizzi li l-awdituri u d-ditti tal-awditjar statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku jitħallew jagħmlu biex tenfasizza li l-awditur għandu jiffoka fuq l-awditjar. Għal dan il-għan, hija pproponiet li ssir distinzjoni bejn ċerti kategoriji ta' servizzi.

Hija pproponiet li jiġi limitat l-ġhoti ta' servizzi ta' awditjar finanzjarju relatati għal mhux aktar minn 10 % tat-tariffi mħallsa mill-entità awditjata għall-awditjar statutorju.

Sabiex tiffaċilita kompromess raġonevoli, il-Presidenza pproponiet li jiżdied dan il-livell limitu għal mhux aktar minn 70 % tat-tariffi mħallsa fi kwalunkwe perijodu ta' tliet snin. Barra minn hekk, is-servizzi relatati max-xogħol tal-awditjar impost mil-leġislazzjoni tal-Unjoni ma jistgħux jitqiesu skont dan il-livell limitu.

Skont il-proposta tal-Presidenza, din il-limitazzjoni hija applikabbli għas-servizzi kollha li mhumiex imniżżla fil-lista ta' servizzi projbiti ("lista sewda") li hi tippromponi.

Il-kunċett u l-kontenut ta' lista ta' servizzi projbiti ("lista sewda") biss, bl-awdituri mogħtija permess li jipprovdu s-servizzi l-oħra kollha li mhumiex imniżżlin f'din il-lista ġew żviluppata mill-Presidenza b'reazzjoni għal talba mid-delegazzjonijiet għal sistema aktar sempliċi ta' servizzi permessi/projbiti. Kienet iddisinjata wkoll biex tilħaq l-oġġettivi li tissaħħaħ l-indipendenza tal-awdituri u jiġi evitat il-kunflitt ta' interess, li dwarhom kien hemm fehmiet diverġenti dwar kif dan jista' jintlaħaq u dwar is-servizzi speċifiċi li għandhom ikunu projbiti.

Numru kbir ta' Ministri setgħu jaqblu mal-istabbiliment ta' lista' sewda. Madankollu, numru minnhom ma kinux favur il-limitu ta' 70%.

3. *Kooperazzjoni ta' korpi nazzjonali tas-sorveljanza tal-awditjar*

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li l-kooperazzjoni madwar l-UE kollha fuq is-superviżjoni tal-awdituri bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sseħħ fi ħdan l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Il-kumitat propost ikun jassumi l-funzjonijiet li qabel kienu jsiru mill-Grupp Ewropew tal-Korpi ta' Sorveljaturi tal-Awdituri (EGAOB), grupp ta' esperti ppresjedut mill-Kummissjoni.

Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza tipprowa tindirizza t-tħassib espress minn diversi delegazzjonijiet fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni, billi tipprevedi l-ħolqien ta' Kumitat ta' Korpi Ewropej ta' Sorveljaturi tal-Awdituri (CEAOB) fi ħdan l-ESMA, magħmul mill-membri tal-EGAOB u li jkollu setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Numru ta' delegazzjonijiet ipproponew alternattiva għall-ESMA, b'mod partikolari t-tiħiħ ta' kooperazzjoni eżistenti prevista fl-EGAOB billi jiġi stabbilit korp li għandu jkun magħruf bħala "Bord Ewropew tal-Korpi ta' Sorveljaturi tal-Awdituri" (EBAOB).

Ħafna delegazzjonijiet kienu favur li jiġi stabbilit Bord Ewropew tal-Korpi ta' Sorveljaturi tal-Awdituri, għalkemm ġie espress ukoll ftit appoġġ għall-kooperazzjoni li għandha ssir fl-ESMA.

Att dwar is-Suq Uniku

Il-Kunsill innota l-progress li sar dwar il-leġislazzjoni pendenti inkluża fil-pakketti tal-*Att dwar is-Suq Uniku*, li huma magħmula minn miżuri ta' prijorità mmirati għat-tlestija tas-suq uniku billi tizzied il-fiduċja u jiġu stimulati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-Presidenza Irlandiża ppreżentat ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali rigward il-miżuri tal-pakketti tal-Att dwar is-Suq Uniku I kif ukoll II ([9365/13](#)).

Dawn il-miżuri, li għandhom jiġu adottati f'kolleġislazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jinsabu fi stadju differenti tal-proċess legiſlattiv.

Il-pakkett tas-*Suq Uniku I* jinkludi azzjonijiet bħall-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u rieżami tad-direttiva dwar il-kwalifiki professjonali.

F'April 2011, il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni "Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u rrinforzata l-fiduċja" ([9283/11](#)), li fiha l-azzjonijiet identifikati biex jiġi indirizzat l-oġġettiv għat-tnedija mill-ġdid tas-suq uniku.

Il-pakkett tal-*Att dwar is-Suq Uniku II* huwa t-tieni sett ta' proposti ta' prijorità u ġie ppreżentat mill-Kummissjoni f'Ottubru 2012¹ sabiex jissupplimentaw l-ewwel sett ta' miżuri tal-pakkett tal-Att dwar is-Suq Uniku I. Dan jinkludi l-modernizzazzjoni tar-regoli ta' insolvenza tal-UE, l-użu ta' broadband b'veloċità kbira u r-ieżami tad-direttiva dwar is-sikurezza tal-prodotti.

Il-Kunsill jistenna b'interess li jeżaminhom b'mod rapidu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, sabiex jippermetti l-adozzjoni ta' għażen sa mhux iktar tard minn tmiem iċ-ċiklu parlamentari attwali sabiex jingħata impetu ġdid għas-Suq Intern.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar is-Suq Uniku II Diċembru li għadda ([16617/12](#)). Fil-konklużjonijiet, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal bażi ekonomika u soċjali b'saħħitha għas-suq uniku.

Dawn l-istrumenti kollha tat-tkabbir, il-kompetittività u l-progress soċjali ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-barrieri u għat-titjib tal-effiċjenza fis-suq uniku għan-negozji, iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-ħaddiema.

Il-kapijiet ta' stat u ta' gvern tal-UE qed jimmonitorjaw il-proċess mill-qrib fil-kuntest usa' tal-Aġenda Ewropea għat-Tkabbir.

¹ http://ec.europa.eu/internal_market/smact/docs/single-market-act2_mt.pdf

Regolamentazzjoni Intelliġenti

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti, bħala segwitu għall-Komunikazzjoni dwar "Idoneità Regolatorja tal-UE" u l-Komunikazzjoni "Regolamentazzjoni Intelliġenti - Inwiegħbu għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u medji".

Il-konklużjonijiet ([9533/13](#)) ihegħgu l-implimentazzjoni, mill-atturi involuti kollha, tal-miżuri li jinsabu fil-komunikazzjoni li jwasslu għal tnaqqis tanġibbli fil-piż globali tar-regolamentazzjoni għan-negozji, speċjalment dawk żgħar, kif ukoll simplifikazzjoni għall-utenti aħħarin.

Fost affarijiet oħra, il-konklużjonijiet jappellaw għal tagħlimiet prattiċi li għandhom jittieħdu mill-istħarriġ online li twettaq mill-Kummissjoni dwar l-għaxar atti leġislattivi li huma l-aktar ta' piż għall-SMEs¹.

Fl-aħħar summit tar-rebbiegħa, il-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-UE appellaw għal azzjoni biex jiġi naqqas il-piż globali tar-regolamentazzjoni fil-livelli tal-UE u nazzjonali, filwaqt li tiġi ppreservata l-protezzjoni adegwata għall-konsumaturi u l-impjegati. Huma taw istruzzjoni lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipproċedu bil-ħidma dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti fid-dawl tal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, b'enfasi speċifika fuq il-ħtiġijiet tal-SMEs.

¹ http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/public-consultation-new/index_en.htm

Modernizzazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Waqg sessjoni pubblika, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar aġġornament ta' żewġ regolamenti ewlenin li jmexxu r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat: ir-"regolament proċedurali" u r-"regolament ta' awtorizzazzjoni".

Dawn jagħmlu parti mir-riforma usa' li bdiet wara l-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-istat ([10266/12](#)). Il-Komunikazzjoni tqiegħed is-suq uniku fiċ-ċentru tar-riforma u tappella għal użu aktar effettiv u effiċjenti tal-finanzi pubbliċi biex ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli, il-koeżjoni u politiki oħra orjentati lejn it-tkabbir jiġu sostnuti aħjar. Hija tipprevedi li r-riforma titlesta sal-aħħar tal-2013.

Ir-"regolament proċedurali"¹ jistabbilixxi r-regoli dwar investigazzjonijiet ta' għajnuna mill-istat.

L-aġġornament tar-regolament proċedurali fir-rigward tal-indirizzar tal-ilmenti u għodod għal informazzjoni dwar is-suq għandu l-għan li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni jiġu ffukati fuq każijiet b'impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern.

Ir-"regolament ta' awtorizzazzjoni"² jippermetti lill-Kummissjoni tadotta "regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-għajnuna mill-istat". Skont dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni tista' tiddikjara kategoriji speċifiċi ta' għajnuna mill-istat kompatibbli mat-Trattat tal-UE jekk jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, biex b'hekk jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika u approvazzjoni minn qabel.

Il-bidliet għar-regolament ta' awtorizzazzjoni ser jippermettu lill-Kummissjoni tapplika proċedura ta' kontroll simplifikata ta' ċerti kategoriji ta' għajnuna mingħajr ma ddgħajjef is-superviżjoni u l-monitoraġġ effiċjenti. Ir-regolament ta' awtorizzazzjoni ser ikopri tipi ġodda ta' għajnuna bħal għajnuna mogħtija għall-kultura jew għajnuna biex jissewwew ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali.

Fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Diċembru 2012, il-ministri qablu dwar il-ħtieġa li tiġi mmodernizzata l-politika dwar l-għajnuna mill-Istat billi jiġu stabbiliti objettivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività tal-UE, waqt li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Istati Membri lejn użu aktar effiċjenti tal-finanzi pubbliċi. Huma enfasizzaw li l-għajnuna mill-istat għandha titfassal biex issostni u ttejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea, b'kont meħud u permezz tal-kriżi ekonomika u l-kuntest dinji.

¹ [Ir-Regolament 659/1999](#)

² [Ir-Regolament 994/1998](#)

Monitoraġġ tal-politika industrijali

F'sessjoni pubblika, il-ministri vvalutaw is-sitwazzjoni tal-industrija Ewropea. Huma ġew infurmati wkoll mill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi ta' segwitu mwettqa bħala appoġġ għal ċerti setturi industrijali li qed jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari bħala riżultat tal-kriżi ekonomika.

Diċembru li għadda, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar aġġornament għall-politika industrijali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku ([17566/12](#)).

Il-konklużjonijiet enfasizzaw erba' pilastru: jiġi stimulat l-investiment f'teknoloġiji innovattivi u ġodda; kumpanniji tal-UE jkunu jistgħu jieħdu l-benefiċċju massimu mis-suq intern u s-swieq internazzjonali; jitjieb l-aċċess għall-finanzjament; u jizjed l-investiment fil-persuni u l-ħiliet.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill enfasizza l-importanza li jitħaffu l-azzjonijiet f'setturi strateġiċi b'potenzjal b'saħħtu għall-infurzar tal-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-konklużjonijiet ġew ibbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ([15168/12](#)) li taġġorna l-inizjattiva ewlenija dwar il-politika industrijali u d-diskussjonijiet ministerjali segwenti. L-istrateġija tal-inizjattiva ewlenija tal-politika industrijali tal-Ewropa 2020 għandha l-għan issaħħaħ il-kompetittività industrijali tal-Ewropa u tiffaċilita t-transizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u effiċjenti fir-riżorsi.

Barra minn hekk, il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- Modernizzazzjoni tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ

Fuq talba tad-delegazzjoni Franċiża, il-Kummissjoni tat preżentazzjoni dwar il-pakkett tal-Modernizzazzjoni tad-Difiża tal-Kummerċ, ippreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fl-10 ta' April.

Il-pakkett jinvolve emendi għar-Regolament 1225/2009 ("ir-regolament bażiku dwar l-antidumping") u r-Regolament 597/2009 ("ir-regolament bażiku dwar is-sussidju"). Dawn ir-regolamenti ma ġewx sostanzjalment riveduti mit-tlestija tar-Round tal-Urugwak fl-1995.

L-inizjattiva biex jiġu mmodernizzati l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ tal-UE tnediet wara konsultazzjoni pubblika u valutazzjoni tal-impatt imwettqa fl-2012. Abbozz ta' linji gwida dwar erba' temi ta' investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ (jiġifieri, interess tal-Unjoni, marġini ta' ħsara, pajjiż analogu u rieżamijiet tal-skadenza) huma attwalment is-suġġett ta' konsultazzjoni pubblika għada sal-31 ta' Lulju 2013.

- Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju ("COSME")

Il-Presidenza tat informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati li għaddejjin mal-Parlament Ewropew għall-istabbiliment tal-programm COSME.

Dan il-programm, li ser idum mill-2014 sal-2020, huwa mfassal biex jindirizza nuqqasijiet fis-suq li qed jiffaċċjaw l-SMEs, b'mod partikolari rigward aċċess għall-finanzjament permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji ddedikati. Il-proposta oriġinali ppjanat baġit ta' EUR 2 biljun għall-perijodu kollu. Madankollu, il-baġit finali tagħha ser jiddependi fuq l-eżitu tan-negozjati dwar il-perspettivi finanzjarji pluriennali tal-UE.

Id-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew bdew f'Jannar li għadda bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.

- Aċċess għall-finanzjament u l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: eżitu tal-Kunsill informali f'Dublin

Il-Presidenza għidiet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ir-riżultati tal-Kunsill Kompetittività informali li sar f'Dublin (l-Irlanda) fit-2 u t-3 ta' Mejju.

Il-kwistjonijiet diskussi inkludew: aċċess għall-finanzjament u l-użu ta' kapital ta' riskju f'kumpanniji kummerċjali globali; l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u opportunitajiet għal impriżi tal-UE fi swieq globali, u bliet u reġjuni bħala muturi tal-intaprenditorija u l-innovazzjoni.

- Industrija tal-karozzi: rieżami tar-regoli dwar l-emissjonijiet ta' CO2 mill-karozzi

Id-delegazzjoni Spanjola, appoġġata mid-delegazzjoni Ċeka u dik Slovakkja, għidiet l-attenzjoni lill-Kunsill dwar il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi fir-rigward tar-rieżami li għaddej taż-żewġ regolamenti dwar l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi tal-passiġġieri u minn dawk kummerċjali ħfief, li jimponu miri obbligatorji ta' tnaqqis fl-emissjonijiet għal vetturi ġodda ta' dawn il-kategoriji ([9812/13](#)).

- Industrija tal-bini tal-vapuri: l-inizjattiva ġdida "LeaderSHIP 2020"

Il-Kummissjoni tat informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-bini tal-vapuri Ewropea u rrapportat dwar l-inizjattiva "LeaderSHIP 2020" ([9586/13](#)).

Filwaqt li tibni fuq il-programm LeaderSHIP 2015 u filwaqt li tikkunsidra l-isfidi u l-opportunitajiet ewlenin li nqalgħu waqt il-kriżi ekonomika, l-inizjattiva l-ġdida għandha l-għan tikkonsolida strateġija ġdida għal aktar żvilupp ta' industrija tal-bini tal-vapuri Ewropea kompetittiva li tikkontribwixxi għal trasport sostenibbli u sigur fuq il-baħar u avvanzi fl-użu tar-riżorsi marittimi u l-ġenerazzjoni tal-enerġija.

- Industrija tat-tabakk

Id-delegazzjoni Ċeka u dik Pollakka ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-aspetti tal-kompetittività u l-konsegwenzi potenzjali għal operaturi ekonomiċi ([9576/13](#)) ta' abbozz ta' direttiva dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati ([18068/12](#)).

Numru ta' delegazzjonijiet tkellmu u fakkru fil-ħtieġa li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn l-aspetti differenti tal-proposta.

Is-suġġett huwa skedat għal diskussjoni mill-ministri tas-saħħa fil-21 ta' Ġunju.

Orizzont 2020: il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni (2014-2020)

Il-Ministri ħadu nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar partijiet differenti tal-programm Orizzont 2020, wara l-preżentazzjoni ta' rapport mill-Presidenza ([9534/13](#)). Huma ddiskutew ukoll xi wħud mill-kwistjonijiet politiċi ewlenin bil-ħsieb li jwittu t-triq għal qbil bikri mal-Parlament Ewropew.

Dawn il-kwistjonijiet ġew ikklassifikati mill-Presidenza fi 3 kategoriji:

- kwistjonijiet relatati mal-istruttura ta' Orizzont 2020, li jinkludu temi bħat-tifrix tal-eċċellenza fix-xjenza u r-riċerka u twessieġħ tal-parteċipazzjoni ta' reġjuni bi prestazzjoni baxxa;
- linji ġodda ta' azzjoni possibbli u modi biex titjieb il-parteċipazzjoni ta' negozji żgħar fil-programm, u
- simplifikazzjoni u effettività, b'mod partikolari l-mudell futur ta' finanzjament għal proġetti ta' riċerka.

Fi tmiem is-sessjoni, il-Presidenza gābret fil-qosor l-eżitu tad-dibattitu billi indikat li:

- Il-Ministri qablu mal-fehma tal-Presidenza li n-negozjati mal-Parlament dwar il-pakkett globali għandhom jitlestew qabel it-tmiem ta' Ġunju.
- Hemm kunsens b'saħħtu li s-simplifikazzjoni hija kritika sabiex jiġi żgurat li Orizzont 2020 jwettaq il-potenzjal tiegħu biex ikun mutur reali għat-tkabbir fl-Ewropa u li l-mudell ta' finanzjament li ntlaħaq qbil dwaru mill-Kunsill f'Ottubru li għadda huwa l-mezz ewlieni biex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni u għandu jkun il-pedament tal-pakkett li għandu jintlaħaq qbil dwaru mal-Parlament.
- Sabiex jinkiseb dan, il-Ministri jinsabu lesti li jkunu flessibbli fir-rigward ta' numru ta' kwistjonijiet bħat-twessieġħ tal-parteċipazzjoni, ix-xjenza għas-soċjetà, l-esperimentazzjoni ta' approċċ mgħaġġel lejn l-innovazzjoni u l-miri baġitarji jew l-indikazzjonijiet għall-enerġija, strument għall-SMEs u possibbilment elementi oħra.
- Il-Presidenza ser tikkunsidra dwar il-linji gwida f'faktar ħidma biex jiġu ffinalizzati t-testi ta' Orizzont 2020.

Orizzont 2020 ser jieħu post is-seba' programm qafas dwar ir-riċerka (FP7) tal-UE, li jibqa' għaddej sa tmiem l-2013. Il-qafas il-ġdid għar-riċerka huwa mistenni jelimina l-frammentazzjoni f'dan il-qasam u jiżgura aktar koerenza. Orizzont 2020 jibni fuq il-kunċett attwali tal-FP7, il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

Meta mqabbel mal-FP7, Orizzont 2020 għandu għadd ta' karatteristiċi ġodda li jagħmluh adatt għall-fini tal-promozzjoni tat-tkabbir u l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.

Il-Kummissjoni ppreżentat diversi komponenti ta' Orizzont 2020 fit-30 ta' Novembru 2011:

http://ec.europa.eu/research/horizon2020/index_en.cfm

Kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li jadottaw strateġija ġdida tal-UE biex titjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni ([9701/13](#)).

L-istrateġija l-ġdida, li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2012, tiffoka fuq: 1) It-tisħiħ tal-eċċellenza u l-attrattività tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll il-kompetittività ekonomika u industrijali tagħha; 2) L-indirizzar tal-isfidi globali tas-soċjetà; u 3) L-appoġġ għall-politiki esterni tal-UE ([14000/12](#)).

Il-konklużjonijiet jappellaw għall-implimentazzjoni tagħha billi, fost oħrajn, jiġu żviluppatti pjanijiet direzzjonali strateġiċi għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni terzi u dawn il-pjanijiet direzzjonali jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-programm qafas għar-riċerka Orizzont 2020.

Il-programmi qafas tal-UE għar-riċerka diġà kellhom rwol importanti fl-appoġġ tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi 'l barra mill-Unjoni. Madankollu, bħalma indika r-rieżami ta' nofs it-terminu tas-seba' programm qafas ta' riċerka, l-isforzi tal-Ewropa fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali jeħtieġu jiġu intensifikati u ffokati b'mod aktar strateġiku.

Għal din ir-raġuni, ħafna delegazzjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa li tiġi applikata viżjoni aktar strateġika għall-iżvilupp futur ta' sħubiji internazzjonali skont il-programm qafas li jmiss tal-Orizzont 2020.

Programmazzjoni konġunta ta' proġetti ta' riċerka

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-attivitajiet tal-programmazzjoni konġunta li twettqu fil-qasam tar-riċerka.

Il-programmazzjoni konġunta hija proċess maħsub biex jiżgura l-ottimizzazzjoni tal-isforzi ta' riċerka. Hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni transkonfinali u l-koordinazzjoni u l-allinjament ta' programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-fondi pubbliċi. Hija parti mill-panorama l-għdida taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

Id-dibattitu kien strutturat fuq nota ta' diskussjoni u kwestjonarju ppreżentati mill-Presidenza ([9258/13](#)).

Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jimxu 'l quddiem mill-ippjanar għall-implimentazzjoni.

Il-ministri qablu li implimentazzjoni b'suċċess ta' programmazzjoni konġunta tirrikjedi mentalità għdida fil-livell nazzjonali, li tinvolvi, pereżempju, allinjament akbar tal-programmi nazzjonali, allokkazzjoni ta' fondi jew l-aċċettazzjoni ta' standards u proċeduri maqbula b'mod konġunt.

Il-programmazzjoni konġunta għandha tiżgura wkoll il-kisba ta' impatt massimu fuq is-soċjetà.

Mill-2009 sal-lum, tnedew 10 inizjattivi ta' programmazzjoni konġunta sabiex jiġu indirizzati sfidi soċjetali speċifiċi li qed tiffaċċja l-Ewropa bħal mard newrodeġenerattiv, il-bidla fil-klima, l-iżvilupp urban, eċċ.

Il-Presidenza organizzat konferenza dwar il-Programmazzjoni Konġunta f'Dublin fit-28 ta' Frar u fl-1 ta' Marzu, li għabt lil dawg li jfasslu l-politika nazzjonali, l-amministraturi tal-programm u r-rappreżentanti istituzzjonali biex jiddiskutu l-kisbiet sa issa u l-passi meħtieġa fil-futur. Kopja tar-rapport finali dwar il-konferenza ntbagħat lill-Kunsill¹.

Diċembru li għadda, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar iż-ŻER u l-elementi ewlenin li jeħtieġ iwasslu għall-kisba taġgha b'suċċess, biex b'hekk jinħoloq suq uniku għall-għarfien u titjeb il-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-attrattività tal-Ewropa għal riċerkaturi barranin.

Il-Kunsill Ewropew appella għat-tlestija taż-ŻER sal-2014.

¹ http://jpic2013.conference-websites.co.uk/files/2013/05/DublinReport_final.pdf

Informatika ta' Prestazzjoni Għolja

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet relatati mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "'L-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja: post l-Ewropa f'Tellieqa Globali'" ([9808/13](#)).

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Mejju 2010 ([9451/10](#)) dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp taż-ŻER, il-Kunsill appella għal aktar żvilupp ta' infrastrutturi tal-informatika, bħal PRACE ¹.

Fl-2009, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri biex jagħmlu investimenti aktar ikkoordinati fl-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja (HPC) u stieden lill-Kummissjoni tipproponi inċentivi finanzjarji għall-iżvilupp konġunt u l-kondiviżjoni ta' infrastrutturi ta' riċerka fl-informatika, biex jiġbru flimkien l-investimenti tagħhom fl-HPC taħt PRACE u biex isaħħu l-pożizzjoni tal-industrija Ewropea u l-qasam akkademiku Ewropew fl-użu, l-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti, servizzi u teknoloġiji ta' informatika avvanzata.

Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: mandat aġġornat

Il-Kunsill aġġorna l-mandat tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz ta' riżoluzzjoni.

Il-Kumitat huwa korp konsultattiv ta' politika li l-missjoni tiegħu hija li jipprovdi kontribut strateġiku f'waqtu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwalunkwe kwistjoni ta' riċerka u innovazzjoni li hija rilevanti għall-iżvilupp taż-ŻER².

Il-Kunsill ser jinkariga lill-kumitat bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport tal-kumitat tat-18 ta' April 2013 ([ERAC 1201/13](#)).

Il-Kumitat ser jibdel ismu wkoll għal Kumitat taż-Żona Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni sabiex tiġi riflessa l-importanza li qed tikber tal-innovazzjoni relatata mar-riċerka.

¹ PRACE (Sħubija għall-Informatika Avvanzata fl-Ewropa) huwa proġett tal-ESFRI li joħloq Infrastruttura persistenti tar-Riċerka pan-Ewropea għall-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja: <http://www.prace-ri.eu/>

² <http://www.consilium.europa.eu/policies/era/erac?lang=en>

Politika spazjali tal-UE

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-politika industrijali spazjali ([9599/13](#)).

Il-konklużjonijiet laqgħu l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-Politika Industrijali Spazjali: ir-rilaxx tal-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku fis-settur spazjali", li ħarġet fit-28 ta' Frar ([6950/13](#)), bħala bażi utli għad-diskussjonijiet li ġejjin.

Huma jagħrfu s-suċċess tal-industrija spazjali Ewropea fis-suq kummerċjali globali u l-kisbiet tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA¹) u tal-Istati Membri tal-UE fl-iżvilupp ta' settur spazjali b'saħħtu fl-Ewropa. Madankollu, huma jenfasizzaw ukoll numru ta' sfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-kuntest tal-iżvilupp ta' industrija spazjali Ewropea kompetittiva globalment u tal-ogħla livell.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tindika ħames objettivi li fuqhom għandha tiġi ċċentrata l-politika industrijali spazjali tal-UE:

- jiġi stabbilit qafas regolatorju stabbli u koerenti;
- tiġi żviluppat aktar bażi industrijali kompetittiva, solida, effiċjenti u bbilanċjata fl-Ewropa u li tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-SMEs;
- tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija spazjali tal-UE billi tinkoraġġixxi s-settur ikun jista' jsir aktar kosteffiċjenti matul il-katina tal-valur;
- jiġu żviluppati s-swieq fl-applikazzjonijiet u s-servizzi spazjali, u
- tiġi żgurata l-awtonomija teknoloġika u aċċess indipendenti għall-ispazju.

Barra minn hekk, l-adozzjoni tal-konklużjonijiet, il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar tliet komponenti ewlenin tal-politika spazjali tal-UE għas-snin li ġejjin:

- Programm Copernicus (l-isem il-ġdid tal-programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja "GMES")

Il-Kummissjoni ħejjiet proposta għall-finanzjament u l-operat tal-Programm ta' Monitoraġġ tad-Dinja Ewropew "Copernicus" għall-perijodu 2014-2020 ([10275/13](#)).

¹ <http://www.esa.int>

Copernicus huwa l-isem il-ġdid tal-Programm GMES (Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà).

Copernicus għandu l-għan li jipprovdi lill-Ewropa b'aċċess kontinwu, indipendenti u affidabbli għal data u informazzjoni ta' osservazzjoni. Huwa maqsum f'sitt Servizzi: il-monitoraġġ tal-Baħar, tal-Atmosfera, tal-Art u tat-Tibdil fil-Klima kif ukoll l-apoġġ għall-Emerġenza u s-Sigurtà.

- Sorveljanza tal-ispazju u programm ta' in-segwiment

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport dwar il-progress li sar rigward abbozz ta' deċiżjoni li għandha l-għan tistabbilixxi programm ta' apoġġ għas-sorveljanza u l-in-segwiment fl-ispazju ([9986/13](#)).

Frar li għadda, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta li tistabbilixxi qafas organizzattiv għat-twaqqif u l-operat ta' servizz Ewropew ta' sorveljanza u l-in-segwiment fl-ispazju ([6952/13](#) + [ADD1](#)).

L-infrastrutturi tal-ispazju qed ikunu dejjem aktar mhedda bir-riskju ta' kolliżjoni minħabba n-numru li qed jikber ta' satelliti u l-ammont jiżdied ta' debris spazjali.

Biex jittaffa r-riskju ta' kolliżjoni huwa meħtieġ li jiġu identifikati u mmonitorjati s-satelliti u debris spazjali, jiġu kkatalogati l-pożizzjonijiet tagħhom, u segwiti l-movimenti tagħhom meta jiġi identifikat riskju potenzjali ta' kolliżjoni sabiex l-operaturi tas-satelliti jkunu jistgħu jingħataw twissija ħalli jcaqlqu s-satelliti tagħhom. Din l-attività hija magħrufa bħala sorveljanza spazjali u in-segwiment mill-bogħod (SST).

Billi s-servizzi tal-STT operazzjonali fil-livell Ewropew ma jeżistux, l-operaturi tas-satelliti Ewropej jiddependu attwalment sa ċertu punt fuq l-informazzjoni tal-STT mill-Istati Uniti. Il-ħtieġa għal ftehim dwar il-kapaċità tal-STT li jtejjeb l-għoti tal-informazzjoni dwar l-STT fuq il-livell Ewropew kienet enfasizzata mill-Kunsill.

- Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA)

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istatus tar-riflessjonijiet dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ESA ([9755/13](#)), bħala segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Istabiliment ta' relazzjonijiet xierqa bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA)" adottat Frar li għadda ([6571/13](#)).

AFFARIJIET OĦRA

It-Teknoloġiji u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet ewlenin indirizzati fil-Komunikazzjoni dwar it-Teknoloġiji u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija li kienu fuq l-aġenda tal-konferenza tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (pjan SET) li saret fis-6 u s-7 ta' Mejju f'Dublin, b'mod partikolari l-iżvilupp u t-tnedija tas-suq ta' teknoloġiji tal-enerġija fl-Ewropa.

Fit-2 ta' Mejju, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni li tistabilixxi strateġija biex l-UE ikollha settur tat-teknoloġija tal-enerġija u tal-innovazzjoni ta' klassi dinjija biex jiġu indirizzati l-isfidi sal-2020 u wara.

Diskussjoni ministerjali dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija ppjanata fil-Kunsill Enerġija li ser jiltaqa' fis-7 ta' Ġunju.

Immaniġġar tal-Politika tal-Innovazzjoni - rakkomandazzjonijiet ta' Grupp ta' Livell Għoli

Id-delegazzjoni Pollakka informat lill-ministri dwar il-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Immaniġġar tal-Politika tal-Innovazzjoni ([9587/13](#)).

Il-Grupp ta' Livell Għoli, li ġie stabbilit f'Diċembru 2011, ifformula sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar modi kif tiġi żviluppata u mmaniġġata politika tal-innovazzjoni aktar komprensiva fl-UE.

Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Litwana li ġeija

Id-delegazzjoni Litwana informat lill-ministri dwar il-programm ta' ħidma tal-Presidenza Litwana dwar il-kompetittività għat-tieni nofs tal-2013.

Il-programm ta' ħidma għall-kompetittività huwa f'konformità mal-programm konġunt ta' 18-il xahar imħejji mit-tliet presidenzi li jmiss tal-UE ([17426/12](#)).

Fil-qasam tas-suq intern u l-industrija, il-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Litwana ser jinkludu l-progress u l-finalizzazzjoni tal-inizjattivi leġislattivi pendenti li jinsabu fil-pakketti tal-Att tas-Suq Uniku I u II.

Fil-qasam tar-riċerka, il-Presidenza Litwana ser tmexxi 'l quddiem id-diversi fajls li jwasslu għall-kisba taż-Żona Ewropea għar-Riċerka, inkluż il-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni "Orizzont 2020".

Hija ser tmexxi 'l quddiem ukoll il-ħidma dwar fajls fil-qasam tal-politika spazjali.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJET BARRANIN

Bjelorussja - miżuri restrittivi

Il-Kunsill emenda l-miżuri restrittivi tal-UE kontra l-Bjelorussja, billi ma kienx hemm aktar raġunijiet biex jinżammu persuna waħda u żewġ entitajiet fuq il-lista ta' dawk soġġetti għall-miżuri restrittivi. Din id-deċiżjoni ma tirrifletti fuq l-ebda bidla fil-politika tal-UE lejn il-Bjelorussja kif ġie stabbilit reċentement fil-[konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2012](#).

Presidenza tal-kummissjoni għall-bini tal-paċi tan-NU

Il-Kunsill iddeċieda li l-UE għandha tkun disponibbli għall-presidenza tal-konfigurazzjoni tar-Repubblika Ċentrali Afrikana tal-kummissjoni għall-bini tal-paċi tan-NU.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

Migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II

Il-Kunsill ħa nota ta':

- l-arranġamenti bejn l-Istati Membri u l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja għall-manteniment u l-finanzjament ta' VISION (*in-netwerk ta' konsultazzjoni ta' Schengen*) waqt perijodu transizzjonali;
- il-Ftehim dwar il-Livell tas-Servizzi rigward il-modalitajiet ta' kooperazzjoni temporanji, inklużi stimi baġitarji, bejn l-Istati Membri u l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja li jużaw VISION min-naħa l-waħda u l-UE-LISA (*Aġenzija Ewropea għall-immaniġġar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja*) min-naħa l-oħra, u l-mandat mogħti lill-Presidenza biex tiffirma l-Ftehim f'isem l-Istati kkonċernati.

KOMPETITTIVITÀ

Valutazzjoni tal-impatt fi ħdan il-Kunsill

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt fil-Kunsill.

Ir-rapport isegwi l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2011 dwar is-suġġett ([16976/11](#) u [17939/11](#)) li inkluda l-impenn biex jitħejjew, fejn adegwat, valutazzjonijiet tal-impatt dwar emendi sostantivi waqt il-proċess leġislattiv, bħala mezz biex titjeb il-kwalità tal-leġislazzjoni fil-kuntest tal-aġenda tar-regolamentazzjoni intelliġenti.

ENERĠIJA

Rekwiżiti għall-ekodisinn - ħiters tal-post u tal-ilma

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta' żewġ Regolamenti tal-Kummissjoni:

- id-direttiva ta' implimentazzjoni 2009/12/KE rigward ir-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-ħiters tal-post u ħiters ikkombinati ([7986/13](#)); u
- id-direttiva ta' implimentazzjoni rigward ir-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-miżhun ([8374/13](#)). Skont id-Direttiva 2009/125/KE, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti relatati mal-enerġija li jirrappreżentaw ammonti sinifikanti ta' bejgħ u kummerċ, li għandhom impatt ambjentali sinifikanti u li jippreżentaw potenzjal sinifikanti għal titjib minħabba d-disinn tagħhom f'termini tal-impatt ambjentali tagħhom mingħajr ma jinvolvu kostijiet eċċessivi.

Ir-regolamenti tal-Kummissjoni huma soġġetti għal dik li hija magħrufa bħala l-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotthom, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

AMBJENT

Il-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ożonu - direttivi ta' negozjar

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, emendi u aġġustamenti għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ożonu ([ĠUL 297, 31.10.1988, p. 21.](#)).

In-negozjati ser isiru fil-ħamsa u għoxrin laqgħa tal-partijiet għall-Protokoll u fis-sitta u għoxrin laqgħa tal-partijiet għall-Protokoll/l-għaxar Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni.

IMPJIEGI

Linji Gwida tal-UE għal-laqgħa tal-Impjiegi tal-G20 u tal-Ministri tax-Xogħol

Il-Kunsill adotta l-linji gwida tal-UE dwar il-prijoritajiet għall-UE u l-Istati Membri tagħha fil-laqgħa tal-Ministri tax-Xogħol u l-Impjiegi tal-G20 li ser issir f'Moska fit-18-19 ta' Lulju 2013.

SAJD

Ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Côte d'Ivoire - Tiġdid tal-protokoll

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar f'isem l-UE u l-applikazzjoni proviżorja tal-protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-ftehim ta' sħubija dwar is-sajd bejn l-UE u l-Côte d'Ivoire ([8698/13](#)).

Il-ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-UE u l-Côte d'Ivoire ġie konkluż fl-2008. L-objettiv ewlieni tal-protokoll għal dan il-ftehim ta' sħubija huwa li jiddefinixxi l-opportunitajiet tas-sajd offruti lill-bastimenti tal-UE kif ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta, separatament, għad-drittijiet tal-aċċess u għall-appoġġ settorjali. B'segwitu għan-negozjati, ġie inizjalat protokoll ġdid fid-9 ta' Jannar 2013, peress li l-protokoll preċedenti kien ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013. Sabiex il-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd, il-protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Lulju 2013, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu.

Minbarra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-protokoll ġdid, il-Kunsill adotta regolament rigward l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri skont dan il-protokoll u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ([8700/13](#)).

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

Miżuri ta' antidumping - biċikletti - elettrodi tungstenu - iċ-Ċina u pajjiżi oħra

Il-Kunsill emenda r-Regolament li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw miċ-Ċina wara rieżami interim skont ir-Regolament 1225/2009 ([9348/13](#)). Huwa estenda wkoll id-dazju anti-dumping impost permezz tar-Regolament 990/2011 dwar biċikletti miċ-Ċina għal dawk ikkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija ([9345/13](#)).

Il-Kunsill adotta regolament li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tungstenu li joriġinaw miċ-Ċina, wara rieżami tal-iskadenza skont ir-Regolament 1225/2009 ([9310/13](#)).

TRASPARENZA

Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti

Il-Kunsill adotta r-rapport annwali tiegħu dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2012 ([9317/13](#) + [COR 1](#)).

Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali tal-politika u l-prattika ta' trasparenza tal-Kunsill u jagħti informazzjoni dwar ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill kif ukoll l-istatistika dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Ir-rapport jindika, fost l-oħrajn, li

- Sa mill-31 ta' Diċembru 2012, ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill elenka 1.915.737 dokument (il-lingwi kollha), li minnhom 77,3% kienu dokumenti pubbliċi, jiġifieri disponibbli biex jitniżżlu mill-internet jew fuq talba.
- Fl-2012, kważi 40% tan-numru totali ta' dokumenti relatati ma' abbozzi ta' atti legiſlattivi prodotti mill-Kunsill inħarġu bħala dokumenti pubbliċi, u b'hekk kienu minnufih aċċessibbli permezz tar-reġistru.
- Fl-2012, 750.316 viżitatur differenti lloggjaw fuq ir-reġistru, li jirrappreżenta żieda ta' madwar 35% meta mqabbel man-numru ta' utenti individwali tar-reġistru pubbliku fl-2012.

- Il-Kunsill irċieva 1.871 talba inizjali għall-aċċess mill-pubbliku rigward 6.166 dokument u ta aċċess (aċċess totali jew parzjali) għal 78,8 % tad-dokumenti mitluba.

Barra minn hekk, ir-rapport jenfasizza l-iżviluppi prinċipali fil-ħdax-il sena mill-implimentazzjoni tar-regolament u jagħmel rieżami tal-ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew, kif ukoll tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Qrati tal-Unjoni Ewropea fl-2012 fl-ambitu tar-Regolament 1049/2001.

ĦATRIET

Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill ħatar lis-Sur Paolo di LAURA FRATTURA, is-Sur Nicola ZINGARETTI u s-Sur Guerino TESTA (Italja) bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jgħid li sal-25 ta' Jannar 2015 ([9616/13](#) u [9703/13](#)).
